MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2015

Citazzjoni Numru. 904/2014

**Annunziata sive Nancy Calleja**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta’ Annunziata *sive* Nancy Calleja (detentrici tal-karta ta’ l-identita numru (0239870M)) datat 17 ta’ Ottubru 2014 fejn esponiet: -

Illi l-esponenti Annunziata Calleja, maghrufa bhala Nancy Calleja, twieldet fit-2 ta’ Gunju 1970 u giet registrata fir-Registru Pubbliku bl-isem ta’ Annunziata, u dan kif jidher mill-Att tat-twelid taghha mizmum fl-Ufficju tar-Registru Pubbliku li jgib in-numru elfejn tlett mija u tmienja u disghin (2398), hawn anness u mmarkat bhala Dok ‘A’;

Illi fl-istess att l-isem li bih ghandha tissejjah l-esponenti gie indikat bhala Annunziata meta fil-fatt hija dejjem giet imsejha bhala Nancy kemm fil-familja, fil-hajja socjali taghha, dik professjonali bhala ghalliema mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni kif ukoll dik akkademika. Dan kollu jirrizulta ampjament car mid-dokumenti hawn annessi u mmarkati bħala Dokumenti ‘B’, ‘C’ u ‘D’;

Illi dan premess huwa rifless ukoll f’numru ta’ dokumenti ufficjali mahruga f’isem l-esponenti, fosthom fil-karta ta’ l-identita’ taghha (Dokumenti ‘E’);

Illi tali inkonsistenza qiegħda tikkawża diffikultajiet prattiċi lill-esponenti u għalhekk hija għandha interess, skond il-liġi sabiex *ai termini* ta’ l-Artikolu 253 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta, li ssir id-debita korrezzjoni fl-Att tat-Twelid tagħha;

Għaldaqstant, l-esponenti umilment titlob li, prevja kwalsijasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara li hemm il-ħtieġa li ssir annotazzjoni fl-Att tat-Twelid bin-numru ta' iskrizzjoni li jġib in-numru elfejn tlett mija u tmienja u disghin (2398), fis-sens illi l-isem ta' l-esponenti 'Annunziata' jinbidel għal dak ta' 'Nancy' u dan peress illi l-esponenti minn dejjem kienet imsejha bl-isem ta' Nancy;

2. Konsegwentement tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku illi fl-Att tat-Twelid odjern isiru annotazzjonijiet meħtieġa fis-sens illi fil-kolonna "*Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa"* l-isem 'Annunziata' jiġi kkanċellat u sostitwit bl-isem 'Nancy'; u

3. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex tali tibdil jigi rifless fl-atti kollha tal-istat civili tal-esponenti.

Bl-ispejjez kontra d-Direttur intimat li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-2 ta' Dicembru 2014.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 20 ta' Novembru 2014 (fol 37) fejn espona bil-qima u bil-ġurament tiegħu jiddikjara u jikkonferma dan li ġej:

1 Illi minghajr pregudizzju, qabel is-smigħ tal-kawża, b'ordni tal-Qorti għandu jiġi ppubblikat avviż fil-Gazzetta tal-Gvern talanqas ħmistax-il

ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża *a tenur* tal-**Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

2 Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponent jirrileva li l-isem "Nancy" jista' jitqies bhala akkorcjament tal-isem "Annunziata" b`dan li allura jista' jaghti l-kaz li ghandu japplika l-proviso tal-artikolu 254. Pero` dwar din il-kwistjoni l-esponent ser jirrimmetti ruhu ghas-savju gudizzju ta` din l-Onorabbli Qorti.

3. Illi minghajr pregudizzju l-esponent jirrileva wkoll li fic-certifikat tat-twelid tar-rikorrenti ma hemm ebda zball li jrid jigi ikkoregut. Id-dettalji li tnizzlu fl-att tat-twelid numru 2398 tas-sena 1970 huma skont dawk dikjarati mid-dikjarant li f`dan il-kaz jirrizulta li kien missierha Thomas Briffa. Thomas Briffa iffirma wkoll l-att b`dan li allura ikkonferma u accetta li d-dettalji li tnizzlu kienu korretti. B`dan ghalhekk li sabiex il-premessi tal-azzjoni tagħha jiġu mibdula b'mod li jinkwadraw ruħhom taħt il-parametri msemmija fl-**Artikolu 253 (2**) **tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** t-talbiet attrici ghandhom ikunu fis-sens li :

a. titlob lil din l-Onorabbli Qorti tiddikjara li l-attrici Annunziata Calleja maghtul hajjitha kienet konsistentement imsejjha u magħrufa bl-isem ta` **"Nancy"** u mhux bl-isem "**Annunziata";**

b. titlob li ssir annotazzjoni fis-sens li fejn jidher isimha fl-att tat-twelid numru 2398/1997, jiġi miżjud il-kliem '***magħrufa bhala Nancy".***

4. Illi bla hsara ghal premess biex t-tielet talba tigi milqugha *ai termini* ta` l-artikolu 253(3), ir-rikorrenti trid tispecifika ezattament l-atti ta` l-istat civili li fihom hija trid li tali bidla, jekk tigi akkordata minn din l-Onorabbli Qorti, tigi riflessa.

5. Illi bla ħsara għall-premess, għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu tal-każ inkwistjoni huwa jirrimetti ruħu għall-provi dwar it-talba u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

6. Illi bla preġudizzju għal premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir ta' l-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-2 ta' Dicembru 2014 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Josette Grech ghar-rikorrenti prezenti, u Dr Maurizio Cordina ghall-intimat. Dr Josette Grech riferibbilment ghat-tieni eccezzjoni fejn l-artikolu 253 Kap 16 ikkontestat li l-kelma Nancy hija sempliciment abbrevvjazzjoni ta' Annunziata. Dr Grech tiddikjara li m'ghandhiex provi aktar, filwaqt li Dr. Cordina irremetta ruhu ghal provi prodotti, u d-decizjoni tal-Qorti. Il-Qorti halliet il-kawza ghall-15 ta' Jannar 2015 ghas-sentenza.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. **KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi l-attrici qed taghmel din il-kawza *ai termini* tal-artikolu 253 *et sequitur* tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta billi giet registrata bl-isem *Annunziata* fuq l-att tat-twelid taghha, filwaqt li hi tghid li hija dejjem maghrufa bl-isem *Nancy.*

Illi l-artikoli **253 *et sequitur*** tal-Kodiċi Ċivili jagħtu dritt lil kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja, korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap.16** tal-Ligijiet ta' Malta saret debitament fl-24 ta' Ottubru 2014 (fol 27) u b'hekk l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur intimat hija sorvolata.

Illi l-liġi ma timponix li biex issir kawża taħt l-artikoli msemmija jrid ikun hemm żball iżda biżżejjed il-prova li r-rikorrenti tkun dejjem issejħet bl-isem li trid iżżid fiċ-ċertifikat.

Illi l-Qorti hija soddisfatta mill-provi kollha esebiti li l-attrici ipprovat li kienet u hija maghrufa konsistentement bl-isem "*Nancy"* u mhux "*Annunziata".*

Illi fil-kaz odjern, l-intimat eccepixxa li l-isem *Nancy* "*jista' jitqies"* bhala akkorciment tal-isem "*Annunziata"* izda irrimetta ruhu ghall-gudizzju ta' din il-Qorti fuq dan il-punt.

Effettivament il-*proviso* ghall-**artikolu 253(2) tal-Kodici Civili** Malti jiddisponi hekk:

*"Iżda, t-talba ġudizzjarja msemmija f'dan is-subartikolu m'għandhiex issir meta l-isem jew l-ismijiet li l-persuna tkun użat jew tkun użat għaliha l-familja tagħha jkunu biss verżjoni imqassra jew abbrevjazzjoni tal-isem jew ismijiet li jidhru fl-att tat-twelid relattiv.″*

Din il-posizzjoni imfissra fil-proviso ghall-Artikolu 253(2) tal-Kodici Civili (introdott bl-Att XV tal-2012) irriflettiet il-gurisprudenza in materja.

Kif gie ritenut minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kaz fl-ismijiet "***Nardu Balzan Imqareb v Direttur tar-Registru Pubbliku*"** (PAPS - dec. fit-30 ta' Gunju 2004) b'riferenza ghat-talba attrici f'dik il-kawza ghat-tibdil mill-isem *Leonardo* ghal *Nardu* : "*Finalment kwantu ghat-talba ghat-tibdil fl-isem minn "Leonardo" ghal "Nardu" din il-Qorti, bir-rispett, ma tarax is-serjeta` ta' talba bhal din billi, kif tajjeb gie eccepit mill-konvenut, l-isem pretiz mill-attur mhu xejn hlief abbrevjament ta' l-isem "Leonardo" u ghalhekk l-ebda korrezzjoni ma hi strettament mehtiega."*

F'sentenza aktar recenti moghtija mill-On. Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **"*Stefania maghrufa bl-isem Steffi Vella Laurenti v. Direttur tar-Registru Pubbliku*"** (dec. fit-30 ta' Gunju 2004) dik il-Qorti cahhdet it-talba attrici sabiex l-isem *Steffi* jigi registrat fuq l-att tat-twelid taghha minflok l-isem hemm imnizzel *Stefania* billi ma rrizultax li dawn l-ismijiet huma distinti. Il-Qorti irriteniet li : "*Korrezzjoni ssir, kif tajjeb qalet l-ewwel Qorti, mhux biss meta hemm zball fl-isem kif indikat fl-att ta' twelid, izda*

*wkoll meta, tul iz-zmien, ikun hemm bidla fl-isem kif registrat. F'dan il-kaz, pero`, ma hemmx "bidla", izda tqassir tal-istess isem, forsi ghall-konvenjenza. Kwindi l-korrezzjoni mitluba ma tistax tintlaqa'*."

Ikkonsidrat li sabiex tintlaqa' t-talba attrici, irid jintwera li hemm tibdil mill-isem li bih giet registrata u l-isem li bih hija rikonoxxuta. Fil-kaz odjern hemm diversi verzjonijiet qosra tal-isem *Annunziata* ad ez. Nunzia, jew Nuncia jew Nunziatina imma mhux Nancy.

Illi ghalhekk din il-Qorti taqbel li l-isem *Nancy* hija distinta mill-isem *Annunziata* u t-talba attrici jisthoqqilha li tigi akkolta.

Illi izda taqbel mal-intimat li ma jirrizultax li sar zball fir-registrazzjoni tal-isem fuq l-att tat-twelid. Anzi mill-affidavits tal-genituri tal-attrici (**DOK TEB**) jirrizulta li kienu laqghu s-suggeriment tac-celebrant tal-maghmudija li jaghtu libsa religjuza ghall-isem Nancy u ghalhekk accettaw li ssejhulha Annunziata. Dan ser jinsab rifless fil-kap tal-ispejjez tal-kawza li ser jigu imposti fuq ir-rikorrenti.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku biss in kwantu l-istess huma inkompatibbli u inkonsistenti ma' dawk hawn deciz, **Tilqa'** t-talbiet tar-Rikorrenti b'dan li:

1. **Tilqa'** l-ewwel talba u tiddikjara li hemm il-ħtieġa li ssir annotazzjoni fl-Att tat-Twelid bin-numru ta' iskrizzjoni li jġib in-numru elfejn tlett mija u tmienja u disghin (2398) tas-sena elf, disa' mija u sebghin (1970), fis-sens illi jigi annotat l-attrici Annunziata Calleja maghtul hajjitha konsistentement imsejha bl-isem ta' "*Nancy*" mhux bl-isem "*Annunziata*";

2. **Tilqa'** t-tieni talba u konsegwentement tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku illi fl-Att tat-Twelid premess isiru annotazzjonijiet meħtieġa fis-sens illi fil-kolonna "*Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa*" l-isem Annunziata jiġi kkanċellat u sostitwit bl-isem *Nancy.*

3. Tichad it-tielet talba in kwantu mhux konformi mal-artikolu 253(3) tal-Kodici Civili.

Il-Qorti tordna wkoll *ai termini* tal-**Artikolu 256 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta'** ***Malta*** li kull korrezzjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart (10) ijiem minn dak in-nhar li s-sentenza tghaddi in gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur u ssir wkoll riferenza ghall-istess sentenza kif imfisser fl-imsemmi dispozizzjoni tal-Ligi.

L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

----------------------------------TMIEM----------------------------------